MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 448/2004/1

**Maria Psaila Farrugia**

**v.**

**Alexander Zammit u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 2005 Untours Insurance Agency Ltd giet mahtura kuratur deputat biex tirrapprezenta lill-assenti Alexander Zammit**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju, 2004, l-attrici ppremettiet:
Illi l-kontendenti kienu involuti f'incident li sehh fil-10 ta' Mejju 2004 fis-7.20 ta' filghodu, gewwa Triq is-Sajjieda, Marsa, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nissan Vanette bin-numru tar-registrazzjoni LAC 664, waqt li l-attrici kienet qed taqsam l-istess triq [vide anness Dok. MP1];

Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut u dan minhabba negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti;

Illi fl-incident in kwistjoni l-attrici soffriet griehi personali li rrizultaw f'dizabilita` permanenti u dan skond rapport tal-Konsulent Mediku Dottor Victor Sultana [vide anness Dok. MP2];

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti minkejja diversi interpellanzi minghand l-attur; (*recte:* l-attrici)

Dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident li sehh fl-10 ta' Mejju 2004 fis-7.20 ta' filghodu, gewwa Triq is-Sajjieda, Marsa, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nissan Vanette bin-numru tar-registrazzjoni LAC 664, waqt li l-attrici kienet qed taqsam l-istess triq sehh unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom u dan minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolameni tat-traffiku;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici a kawza ta' dan l-incident okkorendo bin-nomina ta' periti;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni u l-ispejjez tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

B’nota pprezentata fit-30 ta’ Gunju, 2004 il-konvenut Alexander Zammit eccepixxa :

1. Illi l-ewwel taIba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent anzi kienet tahti (s-sinistrata.) (*recte:* l-attrici);
2. Illi jsegwi, riferibilment ghat-tieni taIba, illi m'hemmx danni tal-attrici x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.
3. Illi jizdied isegwi, riferibilment ghat-tielet taIba, illi m'hemm ebda quantum li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-attrici.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

B’digriet tat-8 ta’ Frar 2005 dik il-Qorti hatret lil Charles Grixti bhala espert mediku sabiex jezamina lill-attrici u jirrelata bil-miktub dwar id-dizabilita` permanenti li setghet sofriet l-attrici bhala konsegwenza tal-incident. Dan irrelata fil-15 ta’ April, 2005 u fuq talba tal-konvenut fis-17 ta’ Mejju 2005 gew mahtura bhala esperti medici addizzjonali Mr. Frederick Zammit Maempel, Mr. Raymond Gatt u Mr. Anthony Zrinzo li halfu r-rapport taghhom fit-3 ta’ April, 2008.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-26 ta’ Gunju, 2008 billi, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kontra taghhom (*recte:* taghha) u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat :

“Illi xehdet l-attrici u qalet illi fl-10 ta’ Mejju 2004 ghall-habta tas-sebgha u nofs nieqes hamsa ta’ filghodu kienet ser taqsam bil-mixi Triq is-Sajjieda il-Marsa fejn toqghod hi u kienet sejra ghax-xoghol San Gwann. Kienet ser tmur ghall-karozza taghha li kienet ipparkeggjata fi Triq is-Sajjieda. Hija u sejra ghall-karozza kienet ser taqsam it-triq fejn hemm immarkat bl-ittra Y fuq l-isketch u meta giet biex taqsam ivverifikat li ma kienx gej traffiku minn naha tal-lemin u minn naha tax-xellug. Fil-fatt minn naha tal-

lemin kienu gejjin karozzi, izda dawn waqfulha biex tkun tista taqsam u minn naha tax-xellug ma kienx hemm traffiku gej. Meta waslet f'nofs it-triq kienet taf li t-traffiku fuq in-naha tal-lemin kien wieqaf u ghalhekk kienet qed thares fuq in-naha tax-xellug biex tara jekk kienx gej traffiku u dak il-hin intlahqet minn vettura li kienet gejja mill-lemin taghha, intlaqtet fuq dahra u bid-daqqa waqghet ma l-art. HIja xehdet illi t-triq in kwistjoni hija two way, u qalet illi generalment il-karozzi jipparkjaw fuq in-naha wahda tat-triq, cioe' fuq in-naha fejn kellha l-karozza taghha ipparkeggata. Hija xehdet illi l-vettura li laqtitha, meta laqtitha kienet fuq in-naha il-hazina tat-triq u qalet ukoll illi hi ma ratx fl-ebda hin il-karozza li laqtitha, qabel ma din laqtitha u regghet ikkonfermat li kien hemm karozzi li kienu gejjin minn naha tal-lemin taghha li kienu waqfulha biex tkun tista taqsam u din il-karozza li laqtitha tidher li kienet qeghda fuq in-naha il-hazina tat-triq. Hija xehdet illi wara l-incident ittiehdet l-isptar u wara ikkonsultat mal-Professur Sultana li hargilha ic-certifikat esebit minn fol. 9 sa fol. 11 tal-process. Hija xehdet li tahdem bhala cleaner mal-Foster Clarkes u l-aktar li wegghet minhabba l-incident kien f'dahra u f'saqajha.

"Ikkunsidrat :

"Illi Mr Charles Grixti illi kien l-ewwel espert mahtur mill-Qorti sabiex jezamina lill-attrici ikkonkluda illi l-attrici sofriet disabbilita kagun ta' l-incident in kwistjoni ta' tlieta fil-mija (3%).

"Ikkunsidrat :

"Illi xehed PS 766 Silvio Brincat li kien l-ufficjal tal-pulizija li kien investiga l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Huwa esebixxa kopja tar-'road accident report' u kopja ta' l-iskizz u ikkonferma li kellem kemm lill-attrici kif ukoll lill-konvenut. Huwa xehed li meta mar fuq il-post sab li kien hemm karozzi ipparkjati fujq iz-zewg nahat tat-triq. Huwa kellem lix-xufier tat-trukk IBB 627 li qallu li kien qed ipparkeggat meta l-attrici qasmet minn quddiemu u giet il-vettura misjuqa minn Alexander Zammit minn warajh u laqtitha. Ix-xufier ta' dan it-trukk qal lis-Surgent li hu kien

qed jistenna il-karozza li kienet ipparkeggata fuq in-naha l-ohra tat-triq titlaq minn postha sabiex ikun jista jidhol hu. Huwa qal lis-Surgent li kien ser jaghmel ix-xoghol ta' gebel jew konkos fil-post ta' l-attrici li jinsab fl-istess triq. Is-Surgent ikkonferma li huwa kellem lill-attrici, lill-konvenut, lis-sewwieq tat-trukk IBB 627 u lil xhud okulari certu Joseph Colombo.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed Joseph Colombo illi ikkonferma li dakinhar ta' l-incident kien qieghed fuq il-post fejn sehh l-incident peress li hu kien imqabbad mill-perit ta' l-attrici biex jaghmel xi xoghol ta' konkos fil-fond ta' l-attrici u hu kien bil-wieqfa fuq il-bankina barra il-fond ta' l-attrici, fuq l-istess naha ta' dan il-fond jistenna it-trukk tal-konkos jigi. Fil-fatt hin minnhom it-trukk tal-konkos gie u it-trukk kellu jieqaf f'nofs it-triq sa kemm l-attrici tnehhi l-karozza taghha fejn kienet ipparkjata fuq in-naha l-ohra tad-dar taghha sabiex ikun jista jidhol minflokha it-trukk tal-konkos. Ix-xhud qal illi quddiem it-trukk tal-konkos kien hemm karozza ohra li fil-fatt waqfet biex l-attrici tkun tista taqsam it-triq. F'hin minnhom waqt li l-attrici kienet qeghda taqsam it-triq giet vettura ohra minn wara t-trukk tal-konkos, qabzitu u laqtet lill-attrici li kienet qeghda taqsam it-triq. Il-karozza li laqtet l-attrici qabzet ukoll lill-karozza li kienet wieqfa u minhabba d-daqqa li qalghet l-attrici waqghet ma' l-art. Ix-xhud qal illi sema lis-sewwieq tal-vettura li laqtet lill-attrici jghid biex jiskuzawh peress li minhabba ix-xemx huwa ma kienx ra lill-attrici taqsam it-triq. Ix-xhud ikkonferma il-posizzjoni tal-karozzi kif indikat fuq l-iskizz u in kontro-ezami ikkonferma li t-trukk tal-konkos ma iccaqlaqx sakemm gew il-pulizija, filwaqt li l-karozza li kienet quddiemu kienet telqet minn fuq il-post ta' fejn kien gara l-incident. Huwa xehed li l-attrici kienet bdiet taqsam meta l-vettura ta' quddiem it-trukk kienet waqfitilha sabiex hi tkun tista taqsam. Wara li ghaddiet il-wisgha ta' din il-karozza giet il-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut u laqtet lill-attrici waqt li din kienet f'nofs it-triq. Mistoqsi jekk f'xi hin l-attrici wara li bdiet taqsam waqfitx f'nofs it-triq jew f'parti mit-triq ix-xhud qal illi ma jafx peress li kollox sehh f'temp ta' ftit sekondi.

“Illi xehed ukoll Emmanuel Bonnici li kien qieghed isuq it-trukk tal-konkos u qal illi huwa kien waqaf mill-bankina u hareg mit-trukk sa kemm l-attrici kellha tnehhi l-karozza taghha u jidhol hu minflokha bit-trukk. Huwa xehed illi minn wara t-trukk tieghu setghu jghaddu l-karozzi u fil-fatt ghaddew xi zewg karozzi qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Huwa ikkonferma wkoll illi fl-ebda hin ma ghamel sinjali lil xi karozza gejja minn warajh li din setghet tghaddi u xehed ukoll li meta dahal fit-triq in kwistjoni ix-xemx kienet ezatt faccata u kien ghalhekk illi nizel inaddaf il-hgiega u ghalhekk ma rax l-incident isehh. Huwa ra illi umbaghad wara l-incident ra lil mara fl-art, cioe’ f’nofs it-triq u ikkalkula li bhala wisgha fit-triq il-mara kienet qeghda qisu f’nofs it-triq.

“Ikkunsidrat :

“Illi rat ir-rapport tal-Periti Medici Addizzjonali u senjatament il-konkluzjoni taghhom fis-sens illi l-attrici garbet disabilita permanenti stmata ta’ tlieta fil-mija (3%).
“Ikkunsidrat :

“Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi izda ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet.

“Ikkunsidrat :

“Illi il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hi sa fejn jista jinghad li kien hemm xi negligenza ta’ xi hadd mill-partijiet jew mit-tnejn li seta kien fattur kontributorju ghal dan l-incident. Il-punt ta’ partenza huwa l-fatt illi kemm pedestrian u kif ukoll sewwieqa ta’ vetturi ghandhom drittijiet u obbligi meta juzaw it-toroq. Huma ghandhom drittijiet kif ukoll obbligi u doveri x’josservaw, mehud in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi li jinsabu fihom, izda jista jinghad illi s-sewwieq ghandu obbligi akbar mehud in konsiderazzjoni l-mezzi li huwa juza. Izda dana ma jfissirx illi hemm xi presunzjoni kontra is-sewwieq u kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-merti tieghu.

“Illi din il-Qorti permezz ta’ sentenza moghtija fil-21 ta’ Gunju 1995 fl-ismijiet George Micallef pro et noe vs Gordon Camenzuli ghamlet referenza ghall-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code u qalet illi meta pedestrian ikun qed jaqsam it-triq ghandu dejjem juza s-subway jew zebra crossing fejn dan huwa possibbli u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Il-Qorti kienet qalet ukoll li qabel jaqsam il-pedestrian ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug, umbaghad jerga lejn il-lemin u jaqsam biss meta fit-triq ma jkunx hemm karozzi.

“Illi kif diga intqal l-attrici xehdet li meta kienet ser taqsam Triq is-Sajjieda l-Marsa waqfulha xi karozzi li kienu gejjin mill-lemin sabiex taqsam. Hekk kif waslet f’nofs it-triq hija kienet taf li t-traffiku fuq il-lemin kien wieqaf u kif kienet qed thares fuq ix-xellug biex tara jekk hux gej traffiku intlaqet mill-vettura tal-konvenut li kien gej mil-lemin.

“Ikkunsidrat :

“Illi t-traffiku fi Triq is-Sajjieda jghaddi miz-zewg direzzjonijiet cioe hija two-way.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attrici ammettiet fl-okkorrenza illi kien it-truck wieqaf u illi il-van misjuq mill-konvenut ma ratux hlief meta laqatha u waqqaghha fl-art.

“Ikkunsidrat :

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Formosa fl-4 ta’ April 1959 il-Qorti qalet hekk :

“Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam ‘with reasonable dispatch’. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta’ “uncontrolled crossing”.

“Illi permezz ta’ sentenza ohra moghtija mil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-6 ta’ Mejju 1961 fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Muscat il-Qorti qalet hekk :

“Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta’ karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta’ l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta’ vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita perfetta ta’ komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita taghhom b’marigni sufficjenti ta’ sikurezza”.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-istess attrici ammettiet illi hija l-ewwel assigurat ruhha li mil-lemin setghet taqsam ghax waqfitilha l-karozza li kienet gejja mil-lemin u kien biss wara li bdiet taqsam li rat in-naha tax-xellug. Huwa minnu li l-konvenut kien gej mil-lemin minn wara t-truck tal-konkos, izda il-Qorti jidhrilha illi l-attrici poggiet ruhha f’sitwazzjoni verament perikoluza meta marret taqsam minn quddiem truck tal-konkos u ma jirrizultax li hadet l-mizuri kollha necessarji meta giet biex taqsam it-triq.

“Illi fil-kawza Il-Pulizija vs Alfred Caruana (Vol. XXXIX parti IV pagna1031) il-Qorti qalet hekk :

“Il-pedestrian ghandu certament id-drittijiet fic-cirkostanzi tat-traffiku imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ipoggi ruhu f’post fejn mhux suppost ikun (bhal roundabouts) u d-driver li jkun qed isuq karozza b’mod regolari jsib ruhu f’posizzjoni ta’ emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver m’ghandux jigi ritenut hati ta’ sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista’ jsofri dak il-pedestrian f’din il-kontingenza.”.

"Illi mill-provi prodotti ma jidhirx li kien hemm xi element ta' negligenza fis-sewqan tal-konvenut: la kien hemm breakmarks mal-art, u lanqas jidher li kien hemm sewqan eccessiv minn naha tal-konvenut u minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq b'dizattenzjoni, imprudenza jew b'non-kuranza ghall-utenti l-ohra tat-triq.

"Illi fil-fehma tal-Qorti, l-attrici ma hadietx dawk il-mizuri u ma hadet ebda pass biex tipprotegi lilha nnifisha mill-perikolu li holqot hija stess meta qasmet it-triq li hija two-way u ma kellhiex vizwali tajba minn naha tal-lemin minhabba li kien hemm karozza u wara l-karozza truck weqfin u haditha for granted li galadarba waqfulha fuq in-naha tal-lemin, in-naha tal-lemin kienet safe, tant li fuq ix-xellug bdiet hares biss meta bdiet taqsam it-triq.  Irid jinghad ukoll li kien hemm ix-xemx faccata u ghal dan il-fattur l-attrici riedet toqghod aktat attenta.

"Illi l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi kollha jikkontjenu ingredjenti ta' nuqqas ta' uzu ta' kawtela diligenti jew ahjar tal-harsien tal-principju ta' "careful look out" li hu mistenni li jigi segwit anke minn pedestrian f'zona tat-triq destinata ugwalment ghat-transitu ta'vetturi."

**L-appell ta' l-attrici.**

L-attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2008, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fuq imsemmija billi tilqa' t-talbiet taghha u b'hekk tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

Il-konvenut appellat ipprezenta risposta fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li s-sentenza appellata tigi kkonfermata u l-appell michud bl-ispejjez kollha kontra l-attrici appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat l-appell.

**Ikkunsidrat:**

Dan hu appell minn sentenza koncernanti incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta’ Mejju, 2004 gewwa Triq is-Sajjieda, il-Marsa meta l-attrici, li toqghod fl-inhawi, waqt li kienet qed taqsam it-triq, mix-xellug ghal-lemin, (relattivament ghall-konvenut) giet investita minn vettura misjuqa mill-konvenut u li dak il-mument kien qed jissorpassa truck tal-Concrete Mix li kien waqaf mal-genb tat-triq fuq in-naha tax-xellug. It-triq hija fid-dritt u cirka ghoxrin pied wiesa u jidher li vetturi generalment jipparkjaw fuq in-naha tal-lemin tat-triq (dejjem relattivament ghall-konvenut). Ta’ min josserva wkoll li fil-hin tal-incident ix-xemx kienet faccata ghall-konvenut tant hu hekk li huwa ma setghax jara sew u infatti mal-ufficjal tal-pulizzija li investiga l-kaz stqarr “*that he did not see the woman (l-attrici) because of the rays of the sun.*”[1]

Huwa relevanti wkoll ghal kwistjoni ta’ responsabbilita` ghall-akkadut il-fatt li quddiem it-truck tal-concrete kienet ukoll waqfet vettura ohra biex tippermetti lill-attrici taqsam it-triq. Ir-rilevanza ta’ dan mhux imsejjes fuq il-konsiderazzjoni li l-attrici qasmet in segwitu ghal xi indikazzjoni li setghet ghamlitilha terza persuna - dan billi tali sinjal qatt ma jista’ jiskolpa lill-*pedestrian* mill-obbligu tal-*proper look-out* qabel ma jittanta jaqsam - izda minhabba l-fatt li, bil-prezenza ta’ din il-vettura (*light car*) quddiem it-truck, l-istess attrici setghet kienet aktar vizibbli fit-triq. Infatti kif xehed P.S. 768 Brincat[2] bejn it-truck ipparkeggat u fejn qasmet l-attrici, kien hemm cirka 10 metri ossia cirka 33 pied. Distanza mhux negligibbli li fiha l-konvenut seta’ josserva lill-attrici taqsam.

Jidher li hemm nuqqas ta’ qbil dwar jekk it-triq in kwistjoni kinitx “*one way*”, fid-direzzjoni fejn kien sejjer il-konvenut, jew jekk din kinitx b’zewg karreggati jimxu fid-direzzjonijiet opposti. L-attrici tghid li t-triq in kwistjoni hija “*two way*” u

[1] Ara Road Accident Report fol. 41 tal-process.
[2] Fol 38 tal-process

donnha tenfasizza dan il-fatt meta tghid li qabel ma bdiet taqsam it-triq harset l-ewwel lejn il-lemin u wara lejn ix-xellug biex taccerta ruhha li ma kienx gej traffiku minn ebda direzzjoni, mentri wara li harget lejn nofs it-triq hija bdiet thares lejn ix-xellug taghha biex tkompli fit-tragit taghha bla tfixkil. Hawn donnha l-attrici trid taghti l-impressjoni li fil-manuvra minnha intentata hija hadet il-prekawzjonijiet kollha mehtiega.

Mill-banda l-ohra r-Road Accident Report taht il-kap "*Type of Road*" jindika t-triq bhala "*One-Way*". Fir-realta` jekk it-triq hijiex *one way* jew xort' ohra huwa ta' ftit rilevanza ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel Qorti waslet biex cahdet it-talbiet attrici billi rriteniet li:

a) l-attrici poggiet ruhha f'sitwazzjoni verament perikoluza meta marret taqsam minn quddiem truck tal-konkos;

b) l-attrici ma haditx dawk il-mizuri u ma hadet ebda pass biex tipprotegi lilha nnifisha mill-perikolu li holqot hija stess meta qasmet it-triq li hija two way u ma kellhiex vizwali tajba;

c) illi dak il-hin kien hemm ix-xemx faccata u ghal dan il-fattur l-attrici riedet toqghod aktar attenta.

Fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti, filwaqt li ma sabet ebda negligenza da parti tal-konvenut, kienet tal-opinjoni li l-attrici naqset mill-obbligu ta' "*proper look-out*" u konsegwentement il-konvenut ma ghandux jirrispondi ghad-danni sofferti mill-attrici.

**Ikkunsidrat:**

Ezaminati l-provi kollha prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li ghall-akkadut fuq riferit ghandhom jirrispondu z-zewg partijiet in kawza fi kwoti ugwali bejniethom u dan billi

jidher li kull parti hija responsabbli ta' xi nuqqas. Jirrizulta li l-attrici kienet qed taqsam triq, manuvra per se perikoluza u li tehtieg attenzjoni kbira. Mill-banda l-ohra l-konvenut kien qieghed, fi triq dejqa, jaghmel manuvra ta' sorpass meta kellu x-xemx faccata li ma hallitux jara sew dak li kien hemm fit-triq.

In-nuqqas tal-attrici jikkonsisti fil-fatt li hija ma waqfitx fin-nofs tat-triq qabel ma pprosegwit ghan-naha l-ohra tal-karreggjata. Il-fatt li l-attrici ma rat ebda traffiku gej min-naha tal-lemin qabel ma bdiet taqsam ma jfisser xejn billi meta din harset u prezumibilment kienet ghadha fuq il-bankina, il-vizwali taghha, fid-direzzjoni tal-lemin, kienet ostakolata bit-truck kbir tal-concrete li kien hemm wieqaf. Minhabba f'hekk l-attrici qatt ma setghet tkun certa jekk minn wara t-truck kienx gej traffiku iehor li forsi kien ser jissorpassa – kif ghamel il-konvenut – peress li t-truck kien wieqaf mal-bankina. Kien ghalhekk obbligu tal-attrici li – hekk kif tohrog mil-linja tal-karozza li kien hemm quddiem it-truck, hija tieqaf u terga' thares lejn il-lemin biex taccerta ruhha li ma kienx gej traffiku. Dan jidher li ma ghamlitux. L-attrici ghalhekk ippekkat kontra l-obbligu tal-*proper look-out* u agir b'sens komun.

Da parti tal-konvenut din il-Qorti wkoll issib grad ta' negligenza u dan billi dan, meta ittanta jissorpassa t-truck wieqaf man-naha tax-xellug fi triq dejqa, manuvra fiha nnfisha ta' perikolu, fl-ewwel lok naqas li jaghti preavviz tal-intenzjoni tieghu bid-daqq tal-horn, u meta hareg 'il barra mit-truck, minkejja li ma setghax jara x'kien hemm fit-triq minhabba r-raggi tax-xemx mill-faccata, huwa baqa' miexi sakemm laqat lill-attrici. Il-manuvra intentata mill-konvenut kienet, per se perikoluza u konsegwentement tirrikjedi attenzjoni kbira, izda s-sitwazzjoni fit-triq, bid-djuq u x-xemx faccata, kienet titlob prekawzjonijiet akbar min-normal li jidher li l-istess konvenut naqas li josserva.

**Ikkunsidrat:**

Dwar danni, din il-Qorti tosserva li l-attrici, mara ta' cirka sitta u tlettin sena meta sehh l-incident, qeghdha issofri minn dizabbilita` permanenti fi grad ta' 3%. Infatti l-esperti

mqabbda mill-ewwel Qorti, kemm l-ewwel espert, kif ukoll il-perit addizzjonali, huma konkordi dwar dan.

Meta sehh l-incident l-attrici kienet tahdem bhala *cleaner* mas-socjeta` Foster Clerks bil-paga netta ta’ LM137 (ossia €320) kull hmistax u cioe`` €7,680 fis-sena. Meta sehh l-incident kienet ghadha relattivament zghira u ghalhekk il-*multiplier* ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni huwa xieraq li jkun ta’ ghoxrin sena tenut kont tac-*chances and changes of life.* Isegwi li d-danni li ghandhom jithallsu lill-attrici wara li ittiehed in konsiderazzjoni s-salarju, il-percentagg ta’ dizabbilita`, it-tnaqqis ta’ 20% minhabba li l-ammont ser jithallas f’salt u l-fatt li r-responsabbilita` ghandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti jammontaw ghas-somma ta’ elf tmien mija tlieta u erbghin ewro (€1,843).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghdha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili billi tiddikjara li r-responsabbilita` ghall-incident mertu tal-kawza ghandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, tillikwida d-danni dovuti lill-attrici fis-somma ta’ elf tmien mija tlieta u erbghin ewro (€1,843) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata ta’ elf tmien mija tlieta u erbghin ewro (€1,843) bl-imghax legali millum. L-ispejjez, kemm dawk in prim istanza, kif ukoll ta’ dan l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------